



Brussell, 9 ta' Novembru 2018
(OR. en)

13601/18

LIMITE

PECHE 432

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0347(NLE)**

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	12841/18 PECHE 382 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2019 u l-2020 għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond - Qbil politiku

I. INTRODUZZJONI

1. Fl-10 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2019 u l-2020 għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond¹. Il-Kummissjoni aġġornat il-proposta fil-25 ta' Ottubru 2018 permezz ta' dokument informali dwar il-kelb il-baħar tal-fond².
2. Il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi l-qabdiet totali permissibbli (TACs) ta' **ħames speċijiet ta' ħut** għas-sentejn li ġejjin. **Kelb il-baħar tal-fond** (tliet stokkijiet), **Ċinturin iswed** (żewġ stokkijiet), **Fonsa ħamra** (stokk wieħed), **Grenadier imnieħru tond** (tliet stokkijiet) u **Paġella ħamra** (tliet stokkijiet).

¹ Ara d-dok. 12841/18 PECHE 382 + ADD 1.

² Ara d-dok. 13518/18 PECHE 425.

3. Minħabba l-inċertezza tal-informazzjoni xjentifika disponibbli dwar dawn l-istokkijiet li f'it hemm data dwarhom, it-TACs kollha proposti issa huma **kollha prekawzjonarji** meta mqabbla mat-TACs stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill li jkopri s-snin 2017 u 2018³.
4. Il-Kummissjoni tipproponi li **tnaqqas it-TACs** għal dawn il-ħames speċijiet minħabba indikazzjonijiet li l-pessjoni mis-sajd għadha għolja wisq, ħlief għall-**Grenadier imnieħru tond** fl-ilmijiet tal-UE u daww internazzjonali ta' 8-10, 12 u 14, u l-**Paġella ħamra** fl-ilmijiet tal-UE u daww internazzjonali ta' 10, fejn hi proposta **żieda moderata**.
5. Il-proposta tinkludi **projbizzjoni speċifika ta' sajd dirett għall-kelb il-baħar tal-fond** fl-Art. 7(2). Tibqa' l-possibbiltà ta' qabdiet aċċessorji fis-sajd għaċ-Ċinturin iswed bil-konzizzjoni.
6. Il-Kummissjoni tipproponi li **tiddelega l-istabbiliment tat-TAC għaċ- Ċinturin iswed** fl-ilmijiet tal-UE u daww internazzjonali ta' CEEAF 34.1.2 għall-uniku Stat Membru kkonċernat (PT).
7. Fl-aħħar nett, it-TACs **għal tliet stokkijiet** li huma parti mir-regolament attwali⁴ **mhumie x inklużi** fil-proposta: **Ċinturin iswed** fis-sottożoni 1-4 minħabba l-assorbiment baxx tal-kwoti u n-nuqqas ta' sajd selettiv; **Grenadier imnieħru tond** fis-sottożoni 1-2 u 4 flimkien mal-**Lipp abjad** fis-sottożoni 1-10, 12 u 14, abbażi ta' parir xjentifiku li ma jindika ebda riskju jew riskju żgħir ta' sfruttament insostenibbli.
8. L-opinjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali mhumie x meħtieġa (Art. 43(3) TFUE).

³ Ara r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/2285 tat-12 ta' Diċembru 2016 li jiffissa għall-2017 u l-2018 l-oportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-fond u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/72 (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 32).

⁴ Ara n-nota 3 ta' qiegħ il-paġna.

9. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika Interna u Esterna tas-Sajd eżamina l-proposta fil-laqgħat tiegħu tal-11 ta' Ottubru, is-26 ta' Ottubru u t-8 ta' Novembru 2018. Ħarsa ġenerali lejn il-pożizzjonijiet tad-delegazzjonijiet tinsab fid-dok. 13655/18 REV 1 PECHE 435. Id-delegazzjonijiet ġeneralment jilqgħu l-proposta tal-Kummissjoni li tqis il-parti l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet tal-ICES u l-obbligu imminenti ta' ħatt l-art komplet. Huma wkoll favur l-inklużjoni tal-projbizzjoni tas-sajd dirett għall-kelb il-baħar tal-fond.
10. DK, NL u UK daħħlu riżervi ta' skrutinju parlamentari.
11. Id-delegazzjonijiet jistgħu jaċċettaw il-proposta tal-Kummissjoni dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:
- iż-**żidiet fit-TACs** għall-**Grenadier inniehru tond** fl-ilmijiet tal-UE u f'dawk internazzjonali ta' 8-10, 12 u 14 (+9% għall-2019 u kontinwazzjoni għall-2020), u għall-**Paġella ħamra** fl-ilmijiet tal-UE u f'dawk internazzjonali ta' 10 (żieda ta' +11% għall-2019 u kontinwazzjoni għall-2020).
 - it-**tneħħija tat-TACs** għaċ-**Ċinturin iswed** fis-sottożoni 1-4, il-**Grenadier inniehru tond** fis-sottożoni 1-2 u 4, u l-**Lipp abjad** fis-sottożoni 1-10, 12 u 14.
 - il-**projbizzjoni** ta' sajd dirett għall-**kelb il-baħar tal-fond**.
12. Il-Presidenza temmen li l-**prinċipji** li ġejjin għandhom iservu ta' gwida għad-diskussjonijiet u d-deċiżjoni finali:
- impenn qawwi għall-oġettivi tal-**Politika Komuni tas-Sajd** (PKS) kif stipulati fl-Artikolu 39 TFUE u fl-Artikolu 2 tal-PKS⁵, inkluż il-kisba tar-rendiment massimu sostenibbli (MSY) mhux aktar tard mill-2020;
 - il-konsiderazzjoni ta' **parir xjentifiku** oġġettiv.

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

II. KWISTJONIJIET PENDENTI

13. Il-kwistjonijiet pendenti prinċipali jirrigwardaw:

Il-kelb il-baħar tal-fond

- **għall-istokkijiet kollha fiż-żoni kollha (qabdiet aċċessorji biss):** il-Kummissjoni tipproponi 7 tunnelli. PT qed titlob kontinwazzjoni (10 tunnelli) peress li s-7 tunnelli proposti ma jkunux suffiċjenti għall-għbir ta' data fil-qafas ta' studji xjentifiċi nazzjonali li qed isiru.

Ċinturin iswed

- **fl-ilmijiet tal-UE u f'dawk internazzjonali ta' 5-7 u 12:** il-Kummissjoni tipproponi tnaqqis għall-2019 (-8%) segwit minn kontinwazzjoni fl-2020. ES qed titlob TAC akbar (+8%) f'konformità mal-parir xjentifiku u FR qed titlob kontinwazzjoni tat-TAC għall-2018 meta jitqies it-titjib fl-istokk.

- **fl-ilmijiet tal-UE u f'dawk internazzjonali ta' 8-10:** il-Kummissjoni tipproponi tnaqqis għall-ewwel sena (-6%) segwit minn kontinwazzjoni fl-2020. PT qed titlob żieda (kwota ta' 3102 tunnelli) skont il-parir xjentifiku.

Fonsa ħamra

- **fl-ilmijiet tal-UE u f'dawk internazzjonali ta' 3-10, 12 u 14 (qabdiet aċċessorji biss):** il-Kummissjoni tipproponi -20% għall-2019, segwit minn kontinwazzjoni fl-2020. Biex tiġi evitata sitwazzjoni ta' limitazzjoni, ES qed titlob tnaqqis iżgħar u PT qed titlob kontinwazzjoni. ES tirreferi għal miżuri nazzjonali addizzjonali li qegħdin attwalment jitħejjew.

Grenadier imnieħru tond

- **fl-ilmijiet tal-UE u f'dawk internazzjonali ta' 3 (qabdiet aċċessorji biss):** il-Kummissjoni tipproponi tnaqqis kbir ta' -78% għall-2019, segwit minn kontinwazzjoni għall-2020. DK qed titlob it-tneħħija ta' TAC minħabba parir xjentifiku qarrieqi u r-riskju li tinholq sitwazzjoni ta' limitazzjoni, flimkien ma' paragrafu ġdid taħt l-Art. 7 dwar il-projbizzjoni ta' sajd dirett. Bħala alternattiva, DK tista' taċċetta kontinwazzjoni.

- **fl-ilmijiet tal-UE u f'dawk internazzjonali ta' 5b-7 (qabdiet aċċessorji biss):** il-Kummissjoni tipproponi -21% għall-2019, segwit minn kontinwazzjoni għall-2020. FR, appoġġata minn EE u LT, qed titlob kontinwazzjoni f'konformità mal-parir xjentifiku.

Paġella ħamra

- **fl-ilmijiet tal-UE u f'dawk internazzjonali ta' 6-8 (qabdiet aċċessorji biss):** il-Kummissjoni tipproponi -20% għal kull sena. ES u FR qed jopponu dan minħabba r-riskji li tinholq sitwazzjoni ta' limitazzjoni b'konsegwenzi soċjoekonomiċi serji għall-flotot artiġjanali tagħhom. Minflok, ES qed titlob -20% fl-2019 biss u kontinwazzjoni fl-2020, u FR tissuġġerixxi -10% għal kull sena. Kemm FR kif ukoll ES jikkomplementaw it-talba tagħhom b'miżuri nazzjonali addizzjonali.

- **fl-ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali ta' 9:** il-Kummissjoni tipproponi -10% għall-2019 segwit minn kontinwazzjoni fl-2020. PT qed titlob kontinwazzjoni biex tevita sitwazzjoni ta' limitazzjoni fil-kuntest ta' sajd imħallat għal speċijiet demersali, fejn qabdiet minn dan l-istokk huma diffiċli ħafna li jiġu evitati.

14. Il-Prezidenza hija tal-fehma li jista' jintlaħaq kompromess finali b'xi flessibbiltà mingħand il-partijiet ikkonċernati kollha.

III. KONKLUŻJONI

15. Il-COREPER/Kunsill huwa mistieden jeżamina l-kwistjonijiet pendenti msemmijin hawn fuq taħt il-punt II bil-ħsieb li jintlaħaq qbil politiku fil-Kunsill.